**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 29/ 2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Francis Briffa**

Illum, 18 ta' Mejju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Francis Briffa, bin Joseph u Maria Lourdes xebba Magri, imwieled Qrendi nhar id-29 t' Ottubru 1957 residenti gewwa 33, Triq Sant' Anna, Qrendi u detentur tal-karta tal-idenitita bin numru 735857 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is- 20 ta' Ottubru 2018 ghal habta ta' 13:00 hrs fl inhawi tal-Qrendi u f' dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, hadt jew pruvajt tiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1)(a) tal-AL. 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkacçjajt jew ppruvajt tikkaccja, hadt jew ipprovajt tiehu xi ghasfur billi wzajt lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1) (i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadt jew ipprovajt tiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1) (c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaccjajt jew ppruvajt tikkaccja, tiehu jew tipprova tiehu xi ghasfur billi uzajt jew kellek fil-pussess tieghek waqt attivita ta' kacca jew insib xi gass' jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi kşur tar- Reg 7 (1)(d), L.S.549.42.
Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kont qed tonsob jew tikkaccja kellek fil-pusses tieghek bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S. 549.42.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Jannar, 2021, fejn il-Qorti iddikjarat kawza preskritta stante li t-terminu ta' sentejn kien jaghlaq fil-20.10.2020 u ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha minn Gunju sa Ottubru 2020 cans sabiex tinnotifika lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnhu pprezentat fit-8 ta' Frar, 2021, fejn talab lil din il- joghgobha, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati skont l-akkuzi u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti permezz tad-decizjoni hawn fuq riferita, inter alia, ghamlet enuncjazjoni zbaljata tal-ligi li fil-fatt wasslet ghal-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet hekk kif migjuba kontrih u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-ligi li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-

imputat mill-imputazzjoni migjuba kontrih minhabba f'li skond dik l-Onorabbli Qorti t-terminu ta' preskrizzjoni kien ddekorra;

Illi l-Qorti iddecidiet li tillibera lill-imputat ghaliex fil-fehma taghha:

> *Il-Qorti qed tiddikjara kawza preskritta stante li t-terminu ta' sentejn kien jaghlaq fis-20.10.2020 u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha minn Gunju sa Ottubru 2020 cans biex tinnotifika lill-imputat.*
> *Kawza preskritta."*

Illi fir-rigward tat-termini ta' preskrizzjjoni, l-ligi tipprovdi is-segwenti permezz tal-**artikolu 688 tal-Kodici Kriminali**, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:*
> *(e) bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni ta' kontravvenzjonijiet;"*

Illi fl-isfond ta' dan it-terminu ta' preskrizzjoni hekk kif gie spjegat iktar l-fuq, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ukoll dak li jipprovdi l-Avviz Legali numru wiehed u sittin (61) tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (**Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u l-Mard Infettiv**):

> *"3(1) Meta s-Supritendent tordna l-gheluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti ghall-fini ta' harsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikoluzi jew mard infettiv, tali ordni ghandha tissospendi z-zmien ta' kwalunkwe hinijiet legali u gudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' zmien iehor inkluz zminijiet perentorji applikabbli ghall-procedimenti jew proceduri ohra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni ghandha ddum sa sebat (7) ijiem wara t-tnehhija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni ghandha tfisser*

*li jekk l-ahhar jum ta' kwalunkwe hin legali jew gudizzjarju jew limitu ta' zmien iehor jiskadi matul iz-zmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-sehh, iz-zmien ghall-prezentata ghandu jigi sospiz sa sebat(7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni ghall-gheluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviz fil-Gazzetta.*

*(2) Kull ordni mahruga skont is-subartikolu (1) ma ghandux jippregudika s-setgha ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuh tar-registru taghha, is-smigh ta' kwalunkwe kaz u kull haga konsegwenzjali u incidentali ghaliha f'kazijiet urgenti jew f'kazijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-kaz jinstema' ghandu jipprevali, soggett ghal xi arrangamenti specifici ghall-harsien kontra u, jew ghall-kontroll ta' epidemiji perikoluzi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina.*

Illi ghandu jigi kkunsidrat ukoll l-Avviz Legali numru hamsa u sittin (65) tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (**Ordni tal-2020 dwar l-gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja)** illi jipprovdi s-segwenti:

*"Is-Suprintendent b'dan tordna l-gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja u tar-registru b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020, liema ordnighandha tibqa' fis-sehh sakemm tigi revokata mis-Suprintendent."*

Illi fl-imkien mal-Avvizi Legali hawn fuq msemmija ghandu jinqara ukoll l-Avviz Legali mitejn u tletin (230) tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (**Ordni tal-2020 li jhassar l-Ordni dwar l-Gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja**) li jipprovdi s-segwenti:

*"1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jhassar l-Ordni dwar l-Gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja.*
*(2) Dan l-Ordni ghandu jidhol fis-sehh mil-5 ta' Gunju 2020;*

*2. L-ordni tal-2020 dwar l-Gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja huwa b'dan l-ordni imhassar b'effett mill-5 ta' Gunju 2020, minghajr gregudizzju ghal validita'*

*ta' kull haga maghmula jew li thalliet barra milli ssir fuq il-bazi ta' dak l-ordni u soggetta ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-ordni;*

*3. Is-sospensjoni tal-limiti ta' zmien kif kienet fis-sehh qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-ordni ghall-prezentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konkluzjoni ta' kwalunkwe proceduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità ohra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Gustizzja ghandha tibqa' fis-sehh ghal ghoxrin (20) jum mid-dhul fis-sehh ta' dan l-ordni.*

*4. Is-sospensjoni tal-limiti ta' zmien kif kienet fis-sehh qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Ordni ghall-prezentazzjoni ta' atti quddiemqorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità ohra li toperamill-bini tal-Qrati tal-Gustizzja ghandha tibqa' fis-sehh ghal perjoduta' sebat (7) ijiem mid-dhul fis-sehh ta' dan l-ordni."*

Illi jekk r-reat tal-imputat sar fl-ghoxrin (20) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), u jekk skond l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-reat ghandu perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn, u peress li dan it-terminu gie sospiz permezz tal-avvizi legali numri 61 u 65 tal-2020, liem sospenzjoni damet ghall zmien ta' tliett xhur sakemm dahal fis-sehh l-avviz legali 230 tal-2020 fil-hamsa (05) ta' Gunju 2020, u ghaldaqstant it-terminu ta' preskrizzjoni ghal dan ir-reat mexa il-quddiem bi tliett xhur mill-ghoxrin (20) jum t' Ottubru 2020, ghal-ghoxrin (20) jum ta' Jannar 2021;

Illi il-perjodu ta' preskrizzjoni ghal dan ir-reat ma kienx effettivament jaghlaq fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) izda jaghlaq fl-ahhar gimgha ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021). Meta' l-imputat gie notifikat fit-tlettax (13) il-jum ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), dan gie notifikat fiz-zmien li tipprovdi li ghandu jigi notifikat fih il-ligi ukoll permezz tal-avvizi legali 61, 65 u 230 tal-elfejn u ghoxrin (2020) u ghaldaqstant ma jistghax jinghad li l-kawza hija preskritta jew li ddekorra t-terminu preskritt mil-ligi;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-27 ta' April 2021.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell tal-Avukat Generali wara li l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizjoni ulterjuri tal-kaz stante li fil-fehma taghha l-azzjoni kienet preskritta ai termini tal-artikolu 688(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-Avukat Generali jghamel referenza ghall-Avviz Legali 65 tas-sena 2020 fejn is-Supretendent tas-Sahha ordnat l-ghelqu tar-registru b'effett mis-16 ta' Marzu 2020. Waqt li l-Avviz Legali 230 tas-sena 2020 artikolu 1(1) sahaq lil-effet tal-Ordni tal-gheluq tal-Qrati ghandu jigi fit-temm tieghu fill-5 ta' Gunju 2020 u ghalhekk dan il-perijodu ta' ta' tlett xhur mis-17 ta' Marzu 2020 sal-5 ta' Gunju 2020 m'ghandhomx jigu kalkolati fil-perijodu preskrittiv ordnat mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat ulterjorment

L-**artikolu 689 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid hekk :

> *Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha rreat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija kontra Paul Vella</u>** [1]. Illi l-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u nikkwota testwalment:

> *"Meta si tratta ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni sabiex jigi stmat kemm hu z-zmien preskrizzjonali wiehed ghandu jara l-akkuza kif dedotta u minn hemm hekk wiehed jikkalkola dan iz-zmien u mhux jikkalkola z-zmien skond ir-rizultanzi fuq il-meritu, aktar u aktar meta s-sentenza fil-fatt, fil-kaz in ezami, ma kkunsidratx il-provi fil-meritu,*

[1] Deciz fit-18 ta' April, 2000

*izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin in bazi tal-akkuzi. Ghal dak li jikkoncerna z-zmien preskrizzjonali fil-kaz odjern, dan jigi kalkolat mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi skond l-akkuza."*

Fil-kaz in desamina l-piena applikabbli f'kaz ta' htija ma teccedix is-sena prigunerija u ghalhekk il-perijdou preskrittiv ta' lk-azzjoni huwa dak dispost fl-artikolu 688(e) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-fatt tal-kaz huma is-segwenti;-

1. Illi l-allegat incident sehh nhar l-20 ta' Ottubru 2018.
2. L-ufficcjal prosekturu Spettur Eliott Magro hareg l-akkuzi nhar l-24 ta' Frar 2020 fil-konfront tal-akkuzat appellant odjern u l-Kawza giet appuntata ghad-29 ta' April, 2020.
3. Fis-seduta tad-29 ta' April, 2020 l-Qorti harget avviz fejn in vista tal-AL 61 tas-sena 2020 u l-AL 65 ta' l-istess sena iddiferiet il-kawza ghal 20 ta' Jannar 2021.
4. Fl-20 ta' Jannar, 2021 deher l-akkuzat assistit minn Dr Ryan Ellul u l-avukat difensur ecepixxa il-preskrizzjoni.
5. Dak in-nhar stess tal-20 ta' Jannar, 2021 l-ufficcjal prosekutur pprezenta r-riferta posittiva tal-akkuzat appellant.
6. Illi minn esami ta' din ir-riferta li tinsab esebia a fol. 9 jirrizulta li l-akkuzat appellant gie notifikat bil-kawza odjerna ghall-ewwel darba nhar it-13 ta' Jannar, 2021 meta kien l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq.
7. Illi ghalhekk bejn l-20 ta' Ottubru 2018 u is-16 ta' Marzu 2020 lahqu ghaddew sbatax-il xahar nieqes erbat ijiem. Illi mill-5 ta' Gunju 2020 sat-13 ta' Jannar 2021 ghaddew seba' xhur u tmint ijiem ohra. B'kollox ghalhekk ghaddew 24 xahar u erbat ijiem.
8. Dan qed jinghad meta din il-Qorti ma hix qed tikkunsidra it-tlett xhur bejn is-16 ta' Marzu, 2020 u l-5 ta' Gunju, 2020 waqt l-operat tal-Avviz Legali.

**Huwa tassew kundannabli li l-prosekuzzjoni tohrog akkuzi fi Frar 2020 meta l-allegat reti gew kommessi f'Otturbu 2018 u tistenna sa Jannar 2021 biex tinnotifika**

**lill-akkuzat appellat bl-akkuzi dwar allegat reati li sehhew f'Ottubru 2018. Dan hu cerament abbuz tas-sistema.**

Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u tiddikjara l-procediment ezawrit stante preskrizzjoni u konsegwentement qeda tichad l-appell tal-Avukat Generali

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur